MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 920/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Khalil Zina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta April 2004 fejn gie mitlub sabiex il-konvenuta tigi dikjarata debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn u wiehed liri Maltin u tliet centezmi (Lm 201.03) rapprezentanti servizzi rezi fuq mobile phone bin-numru 9945 0169.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-30 ta Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma rikjesta ta' mitejn u wiehed liri Maltin u tliet centezmi (Lm201.03) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta' dina l-istanza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------